MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 598/2004

**Avviz numru 598/04 DM**

**Charlo Gauci**
**Vs**
**Romina Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni permezz ta' liema l-attur wara li ppremetta illi ;

1. B'Avviz ipprezentat quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl- ismijiet 'Romina Baldacchino vs Charles sive Charlo Gauci' Avviz Nru : 801/2004 il-konvenuta talbet il-kundanna ta' l-attur Charles sive Charlo' Gauci ghall-rifuzjoni ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900) rapprezentanti hlas li l-konvenuta ghamlet ghal studju li kellha taghmel gewwa il-'Haircare School of Hairdressing' fuq il-premessa li l-imsemmi studju ma sarx minhabba htijiet imputabbli lill-attur.

2. Permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-11 ta' Gunju, 2004, it-Tribunal ikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta s-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900) bl-imghax u bl-ispejjez.

3. Kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza, l-attur qatt ma gie notifikat bl-Avviz ;

4. Kif jirrizulta mic-certifikat tan-notifika, l-istess certifikat gie ffirmat minn Joanne Vella (ID 466380 M) ossija mpjegata fil-'Haircare School of Hairdressing', 55, Triq il-Merhba, Fgura u dan meta l-purtier tal-Qorti mar sabiex jinnotifika lill-attur gewwa l-istess fond.

5. Kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza fid-data li fiha Joanne Vella giet notifikata bl-Avviz meritu ta' din ir-ritrattazzjoni, ossija t-22 ta' April, 2004, il-fond 'Haircare School of Hairdressing', 55, Triq il-Merhba, Fgura ma kienx gestit mill-attur ossija l-proprjetarju stante li l-istess fond kien mikri lil certu Sam Cutajar u Sandro Cutajar.

6. Kien biss wara li s-sentenza fuq imsemmija ghaddiet f'gudikat li l-attur sar jaf bil-kawza fl-ismijiet fuq premessi ;

7. Ghalhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni ghab-bazi ta' l-Artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici Ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) ;

Talab li din il-Qorti:

1. thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza fl-ismijiet 'Romina Baldacchino vs Charles sive Charlo Gauci' Avviz Nru : 801/2004 li giet deciza fil-11 ta' Gunju, 2004, ghat-tenur ta' l-Artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civil (Kap. 12).
2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet 'Romina Baldacchino vs Charles sive Charlo Gauci' Avviz Nru : 801/2004 li giet deciza fil-11 ta' Gunju, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Romina Baldacchino fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament, l-esponenti tecceppixxi illi l-kawza odjerna hija nulla u rrita stante illi hija mproponibbli taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu dawn l-artikoli tal-Ligi ma japplikawx ghal sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u dan kif gie konfermat b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri).
2. Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, l-azzjoni proposta mill-attur hija nulla u rrita stante illi l-attur naqas milli jezawrixxi r-rimedji kollha li tipprovdi l-Ligi qabel ma rrikorra ghall-proceduri odjerni.
3. Minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, l-attur ghandu jispjega a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti dwar meta sar jaf bis-sentenza mertu ta' din il-kawza, u /jew l-allegat frodi li qed jilmenta minnu l-attur.
4. Minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, u fil-mertu, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi fl-ewwel lok in-notifika li minnha qed jilmenta l-attur saret skond il-Ligi, u fit-tieni lok, l-allegazzjoni mressqa mill-attur illi l-eccipjenti ottjeniet is-sentenza bi frodi hija ghal kollox inveritiera u nfondata, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat il-verbal tat-2 ta' Novembru, 2005, fejn id-difensuri tal-kontendenti talbu li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari ;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-attur intavola din il-kawza quddiem din il-Qorti sabiex tigi imhassra u revokata d-decizjoni tat-Tribunal ghat-

Talbiet iz-Zghar fil-11 ta' Gunju, 2004, fil-kawza fl-ismijiet Romina Baldacchino kontra Charles Sive Charlo Gauci, (avviz numru 801/2004) u sabiex konsegwentement din il-Qorti tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess imsemmija kawza.

Inoltre, l-istess attur indika l-artikoli specifici tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li fuqhom kien qed jibbaza t-talba tieghu u fil-fatt indika l-artikolu 811 (a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta bl-ewwel eccezzjoni taghha tecepixxi illi din it-talba ta' l-attur hija nproponibbli billi l-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola r-ritrattazzjoni ta' sentenzi li diga ghaddew in gudikat ma japplikax ghal sentenzi tat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar.

L-istess konvenuta ukoll taghmel riferenza ghal sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell, (Sede inferjuri) fejn din il-kwistjoni giet imqajjma, ezaminata u deciza u infatti fis-sentenza taghha tal-11 ta' Frar, 2004 fil-kawza fl-ismijiet "Dennis Mifsud kontra Albert Degiorgio" (Appell Civili numru 1139/2002/1) il-Qorti ta' l-Appell Civili Sede Inferjuri, dahlet funditus f'din il-kwistjoni u ddeterminat illi "il-legislatur ma hasibx ukoll ghall-proveddiment tad-dritt ta' ritrattazzjoni quddiem it-Tribunal" b' referenza specifika ghat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar. F'dik l-imsemmija sentenza il-Qorti ta' l-Appell ghamlet analizi dettaljata tal-provvedimenti kollha tal-ligi li huma nvoluti in kwistjoni u bi kjarezza elenkat r-ragunijiet kollha li fuqhom ibbazat id-decizjoni taghha, liema ragunijiet din il-Qorti qeghdha tadotta u taghmel taghha.

Ghaldaqstant: -
Il-Qorti qeghdha tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u konsegwentement tichad it-talbiet ta' l-attur kif proposti f' din ic-citazzjoni, salv kull rimedju iehor li jista' jkollu l-attur f' kaz ta' xi ksur ta' regoli ta' gustizzja naturali.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------